**FIT - TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR**

***SMALL CLAIMS TRIBUNAL***

# GUDIKATUR: DR ANTHONY ELLUL, LL.D.

**SEDUTA TA' NHAR IL-GIMGHA 18 TA' JANNAR, 2002**

**Numru: 22**

**Avviz Nru: 472/01 AE**

**Michael Attard Ltd**

**vs**

**Saviour Mallia**

**It-Tribunal,**

Ra l-avviz tat-talba li permezz tieghu s-socjeta attrici talbet il-hlas tas-somma ta' erbgha mija u wiehed liri Maltin u sittax il-centezmu (Lm401.16) import ta' sebgha kambjali li mmaturaw.

Ra li l-konvenut ghalkemm regolarment notifikati bl-atti, naqas milli jikoontesta l-kawza u lanqas ma deher fis-seduti tal-11 ta' Jannar 2002 u tal-lum.

Semgha lir-rapprezentant tas-socjeta attrici (l-avukat Dr. Reuben Farrugia) jikkonferma bil-gurament l-avviz tat-talba u li sal-lum l-ammont mitlub ghadu kollu dovut.

Ghaldaqstant, it-Tribunal jilqa' t-talba tas-socjeta attrici u jikkundanna lill-konvenut is-somma ta' erbgha mija u wiehed liri Maltin u sittax-il centezmu (Lm401.16), bl-imghax mid-data li fiha mmaturat kull kamjbala.

L-ispejjez (inkluzi d-drittijiet legali) huma kollha ghak-karigu tal-konvenut.

**Avukat Dr. Anthony Ellul**
**Gudikatur**